**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sean Scicluna]**

**vs**

**Roderick Schembri**

**Kumpilazzjoni Numru: 205/16**

**Illum, 27 ta' Jannar, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Roderick Schembri detentur tal-karta tal-identita` numru 0013986M akkuzat talli gewwa Rahal Gdid u/jew f'dawn il-Gzejjer; bejn l-01 ta' Jannar 2015 u t-12 ta' Frar 2016, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti

izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita' ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, cioe' tal-Kullegg Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknologija (*MCAST*), karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lillu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu;

2. U aktar talli, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, ghad-dannu tal-Kullegg Malti Arti, ix-Xjenza u t-Tekonologija (*MCAST*), liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc,

ammistrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

3. U aktar talli, bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skont il-ligi;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar, f'kaz ta' sejbien ta' htija, il-Qorti giet ukoll mitluba li tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif

ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll li tapplika l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hmistax (15) ta' April elfejn u sittax (2016) fejn l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bhala proceduri sommarji;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat misappropjazzjoni u uzu hazin tal-*gym* tal-MCAST mill-imputat fejn dan ma setax allegatament juza dan il-*gym* a skopijiet ta' lukru personali u fil-fatt l-imputat qed jigi akkuzat talli fil-perjodu bejn l-ewwel (1) ta' Jannar elfejn u hmistax (2015) u t-tnax (12) ta' Frar elfejn u sittax (2016) huwa agixxa b'dan il-mod a dannu tal-istess Kullegg gewwa Rahal Gdid.

Illi din il-Qorti semghet numru ta' xhieda fosthom impjegati tal-istess kullegg. L-ewwel li xehdet kienet **<u>Josephine Abdilla</u>** li hi d-direttur tal-*Human Resources* fi hdan l-MCAST u fejn din qalet li kien avvicinaha l-Principal tal-istess Kullegg u fejn dan kien qalilha sabiex taghmel rapport rigwardanti l-fatt li l-*gym* tal-istess kullegg kien qed jintuza hazin u dan billi kien qed jintuza wara l-hin tax-xoghol u fis-Sibtijiet ukoll. Hi qalet ukoll li kienet saret ukoll inkjesta nterna fejn kienu sabu xi affarijiet irregolari. Dan il-bord kien kompost minnha stess u minn Mario Pace li huwa d-Direttur tal-IT u Bernard Farrugia li kien Manager fid-dipartiment taghha stess. Kien hemm ukoll Doranne Desira bhala segretarja tal-Bord.

Hija xehdet illi l-Bord kien sab li l-*Fitness Centre* kien qed jintuza biex jidhlu nies wara l-hin tax-xoghol jew inkella s-Sibtijiet. Hija qalet li bhala perjodu d-Direttur kien ilu jaf bihom minn Mejju tal-elfejn u erbatax (2014). Ikkwotat mill-konkluzjonijiet tal-Bord tal-Inkjesta fejn inghad "*It is clear that Roderick Schembri was breaching his contractual obligations with MCAST aggravated by accepting monetary fees for services over and above his salary. The investigation has established that a number of the general public non MCAST that by Roderick Schembri were being allowed to use the gym without the official approval. The board noted that Schembri took advantage of the existing (gross) absoute lack of supervision within his Department which led to this illegal and fradulent activity. . . . Further still the investigation revealed a gross shortcoming of leadership and management skills that is rendering the same operations . . . into abuse. It became clear during the investigation that the Department of Student Support Services lacks accountability and responsibilities starting from the apex of the structure to people like Jason Muscat who was unclear on his area of responsibility.*"

Intqal ukoll illi *"The investigation of the board of Inquiry revealed that since May two thousand fifteen (2015) John Bartolo was very well aware of what was happening in his own department, yet he only attempted to investigate the numerous and serious reports about Schembri that he had been receiving by going to inspect once and as recent as sixth (6) February two thousand sixteen (2016). During the inquiry it became very clear that dispute in spite that Bartolo had ample evidence by a number of people he failed to take the necessary action".*

Hija tghid illi passi dixxiplinari kontra l-imputat ma ttiehdux ghaliex huwa lahaq telaq qabel peress li kellu impjieg iehor. Ix-xhud esebiet zewg dokumenti Dok. JA1 u JA 2 li huma l-*job description* tal-imputat u r-rapport tal-Bord tal-Inkjesta tal-MCAST.

Illi incidentalment din il-Qorti tinnota dokument partikolari esebit mill-istess xhud (fol. 125) fejn din tirrisali ghad-dati inkriminati u fejn id-direttur fl-MCAST jirrakomanda lill-

imputat sabiex javvanza fil-karriera tieghu u jfahhru fil-qadi ta' dmirijietu.

Dokument iehor huwa appendici mal-kuntratt tax-xoghol tal-imputat (fol. 129) fejn fi klawzola (d) jintqal is-segwenti:

> *"During his/her employment with the college not to become in any way involved, whether directly or indirectly, in any work, operation, trade or business which might be deemed to be competitive with the activities, or detrimental to the interests of the College"*

Ikkunsidrat illi f'Appendici B (fol. 131) fejn hemm indikat il-*Job Description* tax-xoghol tal-imputat minn imkien ma hemm li huwa ma jistax juza l-*gym* wara l-hinijiet tax-xoghol.

Inkontroezami hija tghid illi tul l-inkjesta kien hemm xi inkonsistenzi bejn dak li kien qed jghid Bartolo u dak li kien qal Schembri fejn daqqa Bartolo kien qed jghid li kien jaf b'kollox fuq l-uzu tal-*gym* u fejn min-naha l-ohra qal li kien

ta l-kunsens tieghu ghal darba u ghaldaqstant hassu li kellhom jaghmlu konfront bejn Bartolo u Schembri. Schembri kien zamm konsistenti skont ix-xhud u minn dejjem qal li Bartolo kien a konoxxenza ta' kollox. Qalet ukoll illi ttiehdu passi dixxiplinari kontra Bartolo. Hija qalet ukoll illi l-inkjesta kkonkludiet li kien hemm hafna nuqqasijiet fil-linja ta' awtorita' tad-dipartiment li tahtu kien jaqa' l-imputat fejn hadd ma kien jaf lil min irid jirraporta. Hija qalet ukoll illi anke fuq Jason Muscat ma kinitx kuntenta fil-fatt hija ma kinitx komda li Muscat jigi elevat izda fil-fatt kien inghata promozzjoni.

Xhud importanti f'dawn il-proceduri kienet **<u>Cher Tonna</u>** fejn apparentement kollox beda b'ilment taghha. Din tghid illi peress li kienet tahdem l-MCAST hija kienet intitolata bhall-imputat li tuza l-*gym* tal-istess kullegg b'xejn u darba wahda l-imputat kien qalilha li kien jaghmel ukoll *personal training* u peress li hija kienet naqset il-piz taghha precedentement hija kienet accettat dan is-servizz. Din tghid illi l-imputat kien qallha li kien gab il-permess necessarju u ghalhekk ftiehmu

pakkett ta' erba' mitt ewro (€400). Hija kienet lahqet hallsitu nofs minn dan l-ammont. Peress li s-sessjonijiet ma kinux qed isiru b'mod regolari hija ddecidiet li zzomm milli thallsu n-nofs l-iehor izda huwa qatt ma talabha thallsu l-kumplament. Hija tghid ukoll li l-imputat kien baghtielha dieta fejn kellha ssegwi flimkien ma' dawn is-sessjonijiet ta' *training*.

Xhud iehor **Matthias McCarthy** li kien student l-MCAST jghid li uza s-servizzi tal-imputat izda ma kienx juza l-*gym* tal-MCAST. Huwa jghid li avvicina lill-imputat biss fuq *nutrition plan*. Huwa jghid li ghal din id-*diet plan* kien ihallsu xi tmenin ewro (€80) fix-xahar izda jghid li din id-*diet plan* ma ghadhiex ghandu.

**Carmen Gove' Scerri** kienet xhud iehor li ma tahdimx l-MCAST izda li kienet uzat is-servizzi tal-imputat f'dak li ghandu x'jaqsam ezercizzju fiziku u dan bejn April u Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015). Hija tghid illi meta kienet tmur tuza s-servizzi tal-*gym* l-MCAST hadd ma kien iwaqqafha. Tghid ukoll illi kienet hallset lill-imputat is-somma ta' sitt mija u hamsin

ewro (€650) ghal zewg persuni ghaliex kienet hi u t-tifla taghha. Hija tikkonferma li setghet uzat *gyms* ohra apparti dik tal-MCAST.

Ix-xhud **Hannah Scerri** xehdet illi hija fiz-zmien li kienet tuza s-servizzi tal-imputat bejn Mejju u Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) kienet studenta il-Junior College u kienet tmur il-*gym* tal-MCAST biex tittrenja.

**Glorianne** u **Michela McCarthy** ikkonfermaw ezattament dak li kienet qalet ix-xhud Carmen Gove' precedentement.

Illi fl-atti gew ipprezentati c-cekkijiet ta' Cher Tanti u ta' Carmen Gove'.

Xehed **Mario Pace** li hu direttur Data and Information li kien wiehed mill-membri tal-Bord tal-Inkjesta u fejn jghid illi l-Inkjesta giet imwaqqfa peress li kienu saru lmenti rigward li l-imputat kien qed juza l-*gym* kontra l-kundizzjonijiet tal-impjieg tieghu u kien qed jaccetta flus biex jaghmel ta'

*personal trainer* ma' xi nies fil-*gym* li hi l-propjeta' tal-MCAST. Jghid ukoll li hu kien il-persuna li ta l-approvazzjoni sabiex jinfetah il-kompjuter tal-imputat u johorgu xi *data* minnu li jista' jitfa' xi dawl fuq il-kaz (Dok 13-147) izda li ma kienx ghamilha hu personalment.

Ikkunsidrat illi f'dawn il-proceduri dawn id-dokumenti ma' gewx analizzati minn esperti tal-Qorti jew mis-Cyber Crime Unit biex tigi kkonstata l-awtenticita' taghhom jew mil-liema kompjuter gew estratti.

Xhud iehor u cioe' <u>**Louis Aquilina**</u> xehed illi bhala Direttur tal-Partnerships Office tal-MCAST huwa kellu l-*gym* taht idejh u jghid illi huma qatt ma riedu jikkummercjalizzawh izda riedu jhalluh liberu ghall-istudenti u ghan-nies li jahdmu hemmhekk u dan bla hlas. Ix-xhud ikkonferma inkontroezami li l-imputat ma kienx jirraporta lilu izda lid-Direttur John Bartolo.

Fuq domanda ohra inkontroezami x-xhud kkonferma illi kienet saret konversazzjoni bejnu u l-imputat fejn kien sar xi hsieb li

jikkummercjalizzaw il-*gym* u fil-fatt kien hemm okkazzjoni fejn gew xi grupp studenti Taljani li ovvjament ma kinux studenti l-MCAST izda kienu studenti li gew bl-iskema tal-ERASMUS.

Fuq kontroezami huwa qal illi John Bartolo qatt ma staqsieh jekk Roderick Schembri qatt talbux xi permess fuq l-uzu tal-*gym*.

<u>**Oscar Borg**</u> li hu Direttur Strategy Special Projects fi hdan l-MCAST u li hu kien responsabbli fir-*refurbishment* tal-*gym*. Huwa jghid inkontroezami li ma jiftakarx li l-imputat kien kellmu fuq l-uzu tal-*gym* izda li kieku staqsieh kien ried jiehu l-kunsens ta' direttur iehor u cioe' jahseb li kien John Bartolo. Huwa jghid li John Bartolo qatt ma kien staqsieh jekk Roderick Schembri kienx talbu xi permess dwar l-uzu tal-*gym*. Huwa jghid illi dak iz-zmien ma kienx hemm procedura dwar min seta' jidhol u ma jidholx l-MCAST, ma kienx hemm kontrolli ta' xejn.

Xhud iehor u cioe' **Dorianne Caruana Bonnici** xehdet illi hija bhala *coordinator* tal-korsijiet tal-isports fi hdan l-MCAST kienet ilha ghaxar (10) snin l-MCAST. Hija tghid illi l-imputat kien beda bhala student taghha fi hdan l-MCAST biex imbaghad sar *gym instructor.* Hija tghid illi hija kien ikollha battibekki mal-imputat u dan minhabba l-fatt tac-cavetta tal-*gym* fejn hija kellha bzonn din ic-cavetta sabiex tkun tista' taccessa l-*gym* sabiex tkun tista' taghti xi *lectures* hemmhekk. Izda a rigward l-uzu tal-*gym* hija ma setghet tghid xejn.

Xehdet ukoll **Dr. Tatiana Chircop** li hija Head Foundation College gewwa l-MCAST u tikkonferma li kien hemm xi battibekki rigward ic-cavetta tal-*gym* bejn xi *lecturers* u l-imputat fejn din kienet kellmet lid-Direttur *Support Services* John Bartolo li xi hadd li dak il-hin ried jibqa' anonimu izda li wara gie identifikat bhala Matthew Emerson, li kien ra lill-imputat Roderick Schembri jittrenja lil xi nies wara l-hinijiet tax-xoghol u ghalhekk kien hassu urtat ghaliex meta hu bhala *lecturer* kien jitlob din ic-cavetta lill-imputat biex jinfetah il-*gym* barra mill-hinijiet tax-xoghol biex issir xi *lecture* dan

kien isibha difficli biex jaghmel hekk. John Bartolo kien qallha li kien ser izomm ghajnu fuq is-sitwazzjoni.

Ix-xhud **Jason Muscat** li kien *Sports Assistant* fl-MCAST jghid li hu u l-imputat kienu jaqghu taht l-istess direttur u cioe' John Bartolo. Huwa jghid illi c-cavetta tal-*gym* kienet ghand tliet persuni u cioe' l-imputat, l-istess direttur taghhom u s-*Security* tal-post. Fuq il-kaz kull ma seta' jghid hu li kien jaf b'dan id-dizgwid tac-cavetta fejn kien jaf li kien hemm xi nies li kienu qeghdin jifthu l-*gym* wara l-hinijiet tax-xoghol u hu mar jirraporta lid-Direttur tieghu izda ma kien jaf xejn aktar fuq il-kaz.

Mela inkontroezami dan ix-xhud beda jhawwad ghall-mistoqsija maghmula mid-difiza jekk hux vera li John Bartolo kien qallu li l-imputat kellu permess minghandu sabiex juza l-*gym* fuq bazi personali mbaghad wara li gie kkonfrontat ma' dak li kien qal fl-inkjesta fejn kien qal li Bartolo kien qallu hekk, dan beda jhawwad id-diskors. Fuq domanda ohra jekk kienx hu li beda jaghmel ilmenti kontra Roderick Schembri

huwa nnega izda dan kien rinfaccjat max-xhieda tal-istess John Bartolo li kien qal li Muscat kien qed jaghmillu pressjoni kontra l-imputat. Muscat qal ukoll illi huwa kien originarjament sema' bl-ilmenti minn xi haddiema tal-*maintenance* u wara li gie ppressat semma' nies bl-isem ta' Felix.

Illi gie esebit il-*Job History* tal-imputat minn **Joseph Saliba** ghan-nom tal-Jobs Plus (Dok JS1) fejn jidher illi tul il-perjodu bejn is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju elfejn u tlettax (2013) u s-sittax (16) ta' Frar elfejn u sittax (2016) l-imputat kien impjegat mal-MCAST bhala *full time gym instructor*.

Xehed ukoll **Matthew James Emerson** li xehed li huwa kien jaghmel uzu mill-*gym* inkwistjoni fejn huwa kien jittrenja hemmhekk meta kellu c-cans normalment fil-hin tal-ikel izda ma kienx juza s-servizzi tal-imputat. Aktar minn hekk ma setax jghid fuq il-kaz. Fuq ri-ezami x-xhud spjega li hu kien mar ikellem lil Dr. Tatiana Chircop fuq xnieghat li kien sema' izda huwa qatt ma ra xejn b'ghajnejh. Huwa jghid li ma kienx

jinteressah x'kien jaghmel l-imputat izda kien hass id-dover li jghidilha.

Xehed ukoll **John Bartolo** li kien id-Direttur tal-imputat fi zmien meta kien jahdem l-MCAST u kien ghamel rapport li l-imputat kien qed juza l-*gym* is-Sibt u lil nies li ma kinux impjegati jew studenti tal-MCAST u dan wara rapport li kien dahallu minn terzi persuni. Dan kien ghall-habta ta' Mejju elfejn u hmistax (2015). Kien allura ghamel diversi *spot checks* fil-*gym* izda ma kien sab xejn izda meta gielu rapport iehor li dan kien ikun is-sibt, huwa ddecieda li jmur is-Sibt u fil-fatt sab lill-imputat gol-*gym* fejn kienet qed tistennieh persuna barra. Huwa spjega li biex l-imputat seta' jiftah il-*gym* f'hinijiet u granet li ma kinux dawk tax-xoghol, dan ried jiehu permess minn ta' fuqu u cioe' mix-xhud stess jew mill-Principal.

John Bartolo jispjega illi l-imputat kien talbu darba sabiex juza l-*gym* wara l-hinijiet sabiex jintuza minn habib tieghu u dan qabel ma kien sar ir-rapport. Jghid ukoll illi f'zewg istanzi ohra

Roderick kien talab permess sabiex jintuza minn persuni li ma kinux haddiema jew studenti tal-MCAST u nghata permess bil-fomm u ohra bil-miktub. Jghid ukoll illi kien hemm il-pjan illi l-*gym* jigi kummercjalizzat izda dan il-pjan qatt ma sehh.

Illi huwa xehed ukoll illi gie nvestigat mill-Bord tal-Inkjesta fuq *mismanagement* tal-*gym*.

Inkontroezami huwa kkonferma li Jason Muscat kien qed jaghmel pressjoni fuqu li jiehu azzjoni fuq dan il-kaz u dan wara li huwa ma kien sab xejn meta kien qed jaghmel *spot checks*. Dan kien gibidlu l-attenzjoni fuq is-Sibtijiet. Huwa jghid ukoll illi *security cameras* ma kienx hemm ma' kull entrata ghal dan il-Kullegg u l-anqas *security guard* u l-anqas ma ccekkja dawn il-filmati meta bdew isirlu dawn l-ilmenti. Huwa nnega li qatt kellem lil xi *security guard* sabiex jaghtu permess lil Roderick biex idahhal xi nies l-MCAST wara l-hinijiet. Huwa jghid ukoll illi kien ivverifika ma' Oscar Borg u ma' Louis Aquilina jekk Roderick Schembri kienx talabhom permess u huma qalulu li le ma kienx talabhom.

Xehdet ukoll **Maria Dolores Gouder** li ma kinitx la studenta u l-anqas haddiema l-MCAST u xehdet li kienet taf lill-imputat peress li kienet ser taghmel maratona kellha bzonn taghmel xi ezercizzji u ghalhekk kienet tmur il-*gym* tal-MCAST sabiex l-imputat ikun jista' jiggwidha u taghmel xi ezercizzji. Hija tghid illi kienet tidhol l-MCAST bil-karrozza taghha u hadd ma kien iwaqqafha u hija qatt ma hallset xejn lill-imputat. Dan kien ghall-habta tas-sena elfejn u sittax (2016).

L-istess xehdet **Stephanie Agius** fejn hija kienet qieghda tiehu kors ta' *fitness instructor* u kienet tmur il-*gym* tal-MCAST sabiex l-imputat juriha xi affarijiet. Hija xehdet illi *workouts* hemmhekk ma kinitx taghmel ghaliex hi kellha *membership* go *gym* ohra. Hi tghid li qatt ma hallset xejn.

Finalment xehed l-imputat **Roderick Schembri** filwaqt li kkonferma l-kariga tieghu fi hdan l-MCAST qal ukoll illi Jason Muscat kien fi grad bhalu u li kienu jaqghu taht Adele Muscat li fuqha kien hemm id-Direttur John Bartolo. Huwa jghid illi l-

hinijiet tax-xoghol tieghu kienu mid-disgha nieqsin kwart (8:45) sas-sitta u nofs ta' filghaxija (18:30).

Huwa jispjega li kull meta ried juza l-*gym* wara l-hinijiet huwa dejjem ha permess minn John Bartolo li dan kien tah il-permess basta li ma tigrix fuq bazi regolari. Huwa jghid illi primarjament fil-bidu kien talab lil Oscar Borg u lil Louis Aquilina. Imbaghad jghid ukoll illi kien hemm drabi kien talab lis-*security officers* sabiex jidhol u dan kien ihallih wara li kien idahhal xi nota bil-miktub. Huwa fil-fatt jghid illi kulhadd kien jaf x'kien qed jaghmel u ma kien hemm xejn bil-mohbi ta' hadd.

Huwa jghid illi l-flus li kien ha ma kienx ghall uzu tal-*gym* izda ghall-*personal training* u ghan-*nutrition plans* li kien jaghti lil dawn in-nies li kien xi haga differenti ferm mix-xoghol tieghu fl-MCAST. Fil-fatt huwa kien jaghti fakulta' lill-klijent sabiex imur jew tmur go *gym* iehor ghat-*training*. Il-mitejn ewro (€200) li kien jiehu kien biss tal-*personal training* u tan-*nutrition plan* u mhux ghall-uzu tal-*gym*. Huwa jghid li dan il-

*personal training* ma riedx jaghmlu waqt il-hin tax-xoghol ghaliex ikun jikklexja mad-dover tieghu tal-*fitness centre* tal-MCAST u ghalhekk kien ha permess sabiex xi drabi jiftah wara l-hinijiet u xi Sibtijiet. Mistoqsi dwar ir-rejazzjoni teighu meta Bartolo affaccjax dakinhar is-Sibt huwa jghid illi kien sorpriz hafna ghaliex f'illi dan kien tah il-permess u f'illi dan isaqsih x'kien qed jaghmel hemmhekk.

Xehed finalment **Felix Farrugia** li kien issemma' minn Jason Muscat li kien ilmenta mieghu fuq l-uzu tal-*gym* u fejn dan ix-xhud innega kompletament li kien ghamel xi lment kontra Roderick Schembri izda li kien l-istess Jason Muscat li kien isaqsih fuq Roderick Schembri.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Illi dawn il-proceduri huma bbazati b'mod specjali fuq l-Artikoli 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' ir-reat ta' mizapproprjazzjoni li jghid hekk:

*293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal danid-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

Illi jrid jinghad qabel xejn illi l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri, u dan ghaliex, kif jghid **Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap IV, pagna 234, Edizione 1890):-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi ghall-kompletezza qed issir referenza ghal decizjonijiet nostrani dwar dan ir-reat ta' mizappropjazzjoni senjatament il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Grech** deciza 22 ta' April 2009 ghamlet referenza ghall-awtur Taljan Luigi Maino fejn dan spjega li :

> *"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come*

*nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la*

*giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet ikkonsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju **(vide Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar it-2 ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciza nhar l-14 ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia deciza nhar il-25 ta' April, 1949 u Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciza nhar l-20 ta' Ottubru, 1997).**

Illi f'dan il-kaz kien hemm hafna xhieda u provi hafna minnhom kienu konfliggenti. Wiehed partikolari kien John Bartolo li tul il-proceduri kollha u mill-bidu tal-Inkjesta imwaqqfa mill-istess MCAST johrog car l-inkonsistenza ta' dan il-persuna li ma kienx kapaci jkun *leader* tajjeb tad-dipartiment tieghu li meta ghall-ewwel kien beda bil-verzjoni li kien jaf b'kollox a rigward l-uzu tal-*gym* wara li kien qed jigi

rinfaccjat bi proceduri dixxiplinari kontrih l-istorja inbidlet kompletament. Huwa fil-fatt anke tul dawn il-proceduri beda jhawwad kemm-il darba ntalab permess minghand l-imputat u anke ta' jekk indagax ma' Oscar u ma' Louis jekk fil-fatt l-imputat kienx talab permess maghhom jew le. Dan kien imgiddeb minn dawn ukoll.

Hareg car ukoll mill-Inkjesta li Bartolo kien jaf b'dan l-uzu tal-*gym* ferm qabel ma bdew l-ilmenti u kif gustament irrimarkat id-difiza fit-trattazzjoni taghha, ghalfejn ha azzjoni biss fl-elfejn u sittax (2016). Illi wiehed ma ghandux ikun gharef ghaliex huwa car daqs il-kristall li kien ha azzjoni meta gie rinfaccjat u kellu pressjoni kontinwa minghand Jason Muscat u ghalhekk f'dak il-waqt hassu fid-dover li jaghmel xi haga minkejja l-fatt li kien ta' precedentement il-permess lill-imputat sabiex juza l-*gym* wara l-hinijiet u anke s-Sibtijiet. Illi dan il-fatt johrog car ukoll mill-fatt illi hemm permess bil-miktub sabiex jithalla l-imputat jidhol darba s-Sibt minn certu *security* u ghalhekk aktar u aktar tohrog it-tezi tal-imputat li dan ma kienx qed jaghmel xejn bil-mohbi u dan ghaliex kellu

l-permess minghand id-Direttur tieghu u cioe' John Bartolo. Ghaldaqstant il-*mens rea* necessarja ghal dan it-tip ta' reat ma tissussistix.

Illi l-ewwel (1) akkuza hija intimament konnessa mat-tieni (2) akkuza u cioe' dik ta' mizappropjazzjoni u dan ghaliex gialadarba ma kienx hemm il-*mens rea* necessarja l-imputat qatt ma seta' uza l-makkinarju tal-*gym*. Illi jrid jinghad ukoll illi l-akkuzi li bihom l-imputat gie addebitat gew pjuttost imgebbda mill-prosekuzzjoni f'dan il-kaz ghaliex fejn gie ppruvat id-dannu necessarju f'dawn it-tip ta' akkuzi lill-Gvern ta' Malta bl-allegat uzu hazin jew mizappropjazzjoni? Illi hareg car illi s-servizz li kien qed joffri l-imputat u li kien qed jithallas ghalih ma kienx ghall-uzu tal-makkinarju (ghaliex dan kien itihom il-fakulta li jittrenjaw x'imkien iehor) izda ghas-servizz ta' *personal training* u ghan-*nutrition plan* li dawn ma kinux jaqghu taht id-doveri tieghu bhala *fitness instructor* fl-MCAST. Fil-fatt l-imputat kien ghamel tajjeb li kien ha permess sabiex jaghti xi servizzi wara l-hin tax-xoghol ghaliex li kieku offra dawn is-servizzi waqt il-hin tax-xoghol certament kien

ikun qed jonqos mid-doveri tieghu lejn l-MCAST bhala ufficjal tal-istess.

Ghal dawn il-motivi l-ebda wahda mit-tliet (3) akkuzi fil-konfront tal-imputat ma gew ippruvati u ghalhekk Roderick Schembri qed jigi liberat mill-akkuzi kollha kif dedotti kontrih stante li ma jissussistux la fil-fatt u l-anqas fid-dritt.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**